MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 135/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**
Consiglio Baldacchino

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'San Giljan u diversi bnadi ohra, f'diversi hinijiet differenti, nhar it-22 ta' Marzu, tas-sena 2005 u fid-diversi gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, maghmula b'rizoluzzjoni wahda, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi :**

**1) uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx**

**dak li jkun gie fornut ghalih jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss u dan bi skur ta' Artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Dr. Mario Scerri M.D., wegghu bi kliem jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**3) ingurja jew hedded lil Dr. Mario Scerri M.D., bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399 u l-artikolu 339 (1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni dedotti kontra tieghu w wkoll wara li rat l-artikolu 17(b) tal-istess Kap. 9, ikkundannatu ghal multa ta' elf lira Maltin (LM1000).

Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w obbligat lill-istess imputat ma jimmolestax lill-parte civile ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn il-Qorti lliberat lill-appellant u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati w tiddikjarah mhux hati skond il-ligi u, fin-nuqqas, jekk din il-Qorti tikkonferma l-htija fl-appellant, tvarja l-piena billi tapplika piena aktar miti.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant hu li fl-ewwel lok ir-reat kontemplat fl-artikolu 35 (1) (d) tal-Kap.399 u cioe' r-reat li bih gie akkuzat l-appellant jikkonsisti fi tlitt cirkostanzi u sejba ta' htija ghall-inqas f' wahda minnhom tammonta ghal sejba ta' htija a tenur tal-**

**istess artikolu w cioe' :- i. L-uzu ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan illi ma jkunx dak illi jkun gie fornut ghalih , JEW ii. Li tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghal ghan illi ma jkunx dak illi jkun gie fornut ghalih ; JEW iii. Li tuzah b' mod mhux kif imiss. Mill-provi ebda wahda minn dawn it-tlitt cirkostanzi ma tirrizulta w ghalhekk l-appellant imissu gie liberat. Fit-tieni lok l-imputazzjoni taht l-artikolu 399 (1) (e) ma tirrizultax u jmissu gie liberat minnha. Fit-tielet lok il-piena inflitta hija wahda esagerata.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi minnkejja li ma gie intavolat ebda aggravju dwar dan, meta din il-Qorti studjat sew il-process, irrizultalha li meta sabet htija dwar l-ewwel imputazzjoni, l-Ewwel Qorti - x' aktarx indotta fi zball mill-istess prosekuzzjoni li ukoll ghamlet l-istess zball meta rredigiet ic-citazzjoni - ccitat l-artikolu 35 (1) (d) tal-Kap.399. Dan l-artikolu pero' bl-ebda mod ma jirriferi ghar-reat kontenut fl-ewwel imputazzjoni. Huwa l-**<u>*artikolu 39(1) (d)*</u> **li johloq ir-reat in dizamina.**

**Issa kif dejjem gie ritenut meta l-artikoli citati fis-sentenza appellata jkunu zbaljati jew inkella ma jigux citati l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li tahthom tkun instabet htija, dan igib in-nullita tas-sentenza. (ara.App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**" [**

**28.5.1987];** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**"** **[26.5.1994],** "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" **[10.6.1994] u ohrajn.)**

**Illi peress li l-Ewwel Qorti pero' lliberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, s' intendi din il-parti tas-sentenza ma tigix annullata in forza ta' dak li gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" **([23.6.1995] per V. De Gaetano J.). Dan ghaliex kif gie hemm ritenut li tali thassir japplika <u>biss</u> ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ikun instab hati ghax l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jezigi li tigi indikata d-dispozizzjoni tal-ligi biss fejn tkun qed tinstab htija u mhux ukoll f' kaz ta' liberazzjoni u ghaliex kieku kien mod iehor, ikun qieghed indirettament jigi estiz id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali bi ksur ta' l-artikolu 413.**

**Ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti – b' sens ta' frustrazzjoni - qed tannulla s-sentenza appellata in kwantu sabet htija fl-appellant tal-ewwel akkuza billi, kif intqal, inkisret jew ma saritx formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita' w konsegwentement ser terga tiddeciedi dwar din l-imputazzjoni mill-gdid fil-mertu, wara li kif intqal semghet il-provi mill-gdid.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jirrizulta li t-Tabib Dottor Mario Scerri fuq firxa ta' zmien kien qed jircevi ghadd ta' telefonati fuq il-mobile phone tieghu, fejn jew ma kien qed ikellmu hadd, jew xi hadd jistaqsieh dwar persuna li kienet pazjenta tieghu jew f' okkazzjoni minnhom addirittura nsultah. Il-vuci, meta instemghet, dejjem kienet tkun l-istess u cioe' ta' ragel b' ton edukat li hu gharaf bhala l-lehen tal-appellant. Dr. Scerri rraporta l-kaz lill-Pulizija w, meta gew rintraccjati l-"calls", dawn indikaw il-mobile phone tal-appellant u minn hemm imbdew il-passi legali li wasslu ghall-appell odjern. Il-provi in succinto kienu s-segwenti :-**

L-ISPETTUR MARTIN SAMMUT **xehed li fil-21 ta' Marzu, 2005, l-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan kellha rapport minnghand Dr. Scerri li allega li ftit aktar kmieni fil-ghodu kienu sarulu xi telefonati anonimi fuq il-mobile phone tieghu numru 79492081, waqt li kien ghaddej minn Paceville. Dr. Scerri kien irraporta ukoll li darba minnhom aktar kmieni fix-xahar ta' Marzu, min kien kellmu fuq it-telephone kien kellmu hazin (baghtu jiehdu …). Mill-verifiki li l-Pulizija kienet ghamlet mas-*service provider* irrizulta li l-allegati telefonati anonimi kienu originaw minn mobile phone iehor numru 9983 6262 li kien jappartjeni lill-appellant . Jumejn wara, gie esegwit *arrest warrant* mahrug minn Magistrat kontra l-appellant u dan kien gie interrogat u irrilaxxja stqarrija fejn innega assolutament li kien qed jaghmel telefonati anonimi . Pero' kien qallu li hu kellu girl friend Russa li kienet telqitu xi zmien qabel u li kien qed jipprova jirrintraccjha u jara ma min seghtet qeghdha, minhabba li din kienet haditlu xi flus. Kien spjega ukoll li kien sab dan il-ktieb tat-*telephone numbers* u diversi ismijiet. U beda jcempel biex jara ma min setghet kienet. Dejjem innegala li offenda lil xi hadd jew li cemnpel b' mod anonimu. Qal li dejjem kien jidentifika ruhu w isaqsih bl-edukazzjoni kollha jekk jafx lil certa Ludmilla Zina. Qal ukoll li lit-Tabib Dr. Mario Scerri ma kienx jafu. Ix-xhud gharaf l-istqarrija w kkonferma li din kienet tal-appellant li pero' ghazel li ma jiffirmahiex. In kontro-ezami, x-xhud qabel li fl-istqarrija ma kienux saru mistoqsijiet jekk l-appellant kienx ghamel mistoqsijiet jew qal kliem ingurjuz jew ta' offiza lil Dr. Scerri.**

IT-TABIB DOTTOR MARIO SCERRI MD **xehed li madwar sena ilu hu kien gie imsejjah fuq kaz ta hass hazin ta' pazjenta fi spizerija w meta mar sab mara ta' nazzjonalita' Russa b' hass hazin w isterika w kienet qaltlu *"! am very afraid because there is this boyfriend of mine, this aboriginal man .."* li kien qed jinkwetha. Hu kien serrhilha mohha w telqet. Xi gimghatejn wara din il-pazjenta kienet regghet marret l-ispizerija tfittxu peress li kienet qalghet xi daqqa**

**minnghand dak li kienet tiddeskrivi bhala *"this aboriginal man"* . Kienet isterika u bi pressjoni baxxa u taha xi haga ghall-pressjoni w telqet. Xi gimghat wara kienet regghet marret ghandu l-ispizerija w, waqt li kienet ghadha hemm, kien cempillha l-mobile u hi ma rrispondietx. Rega' cempel u did-darba rrispondiet imma hi ma bdietx titkellem imma beda jitkellem dak li kien cemplilha u lix-xhud il-pazjenta qaltu *"Hear him. Hear him."* Hu allura kien ghamel il-mobile taghha ma widnejh u sema. Kien lehen irpuzat ta' bniedem edukat u kalm u qal : *"I'm going to kill you Luda. You know I have friends. I' m going to kill you."***

**Xi xaharejn wara dan l-incident hu kien irceva telefonata bl-istess lehen li hu kien gharaf li kien kellem lill-pazjenta meta kienet ghandu fl-okazzjoni precedenti fuq imsemmija. Kien number "*unidentified*" u kien qallu *"Hemmhekk fejn?"* Hu li ma kellux x' jahbi qallu : "*Dr. Scerri*". Il-lehen qallu : "*Tabib jew Avukat?"* Hu wiegbu : "*Tabib."* U l-lehen qallu : "*Ok. Thank you."* u qata'.**

Kien rega' ghadda xi zmien u kien iltaqa' ma dil-pazjenta l-Qorti w sejhitlu w qaltlu li kienet qeghdha hemm "*Because I have Court against this aboriginal man"* u hu qalilha biex tinfurmah xi jkun iddecieda l-Magistrat. Izda hi tatu n-numru taghha ghax qaltlu li ma kellhiex *"credit*" u hu qallha li kollox sew. Ghalhekk filghaxija hu kien ghamillha messagg "*How did it go at Court?"*. Xi siegha wara x-xhud kien irceva telefonata mill-istess numru li fuqu hu kien baghat il-messagg u min cempel kien qallu : *"Hello , hemmhekk fejn?"* . Dan kien l-istess lehen li hu kien sema' l-ewwel darba l-ispizerija w t-tieni darba meta kien staqsieh min kien . Hu wiegbu li kien Dr. Scerri w il-lehen l-iehor wiegbu : "*ghax sibt messagg fuq il-mobile tat-tfajla tieghi ."* Ix-xhud qallu "*Iva. Iva. Baghtilha messagg."*

Umbaghad ix-xhud irrelata li beda jkollu numru ta' telefonati b' *number unidentified* , hu kien jirrispondi w jghid *"Hello. Hello*." U ma jirrispondieh hadd . Ghal bidu ma tax kashom imma umbaghad il-bicca bdiet issir inkwetanti . Fit-3 ta' Marzu, fis-1.25pm kellu telefonata w

min cempel staqsieh : *“Hemmhekk fejn?”* Hu kien gharaf il-lehen mill-ewwel u qallu : *“Inti lil min trid?”* il-lehen wiegeb *“Inti taf lil Ludmilla?”* Hu wiegbu : “*Ghaliex?”* u l-lehen wiegbu : “*Kienet xi darba tahdem maghkom? Ha nghidlek il-ghaliex Ghandi bzonn inkellimha. Din kienet it-tfajla tieghi. Kienet tahdem maghkom?”* Dr. Scerri wiegbu : *“Ma kienet tahdem maghna xejn. Qatt ma kellna wahda Ludmilla ma nafx kunjoma li qed issemmi int tahdem maghna.”* Il-lehen rega qallu : *“Imma inti tafha lil Ludmilla?”* Dr. Scerri wiegbu *“Mhux bicca tieghek?”* u qatalu t-telefon. Tlitt minuti wara w cioe’ fis-1.31pm jerga jcempel *number unidentified* u qallu : *“Mur hudu f’ …. Kemm ghandek.*” u semma l-parti genitali femminili. Allura dak il-hin stess ix-xhud cempel lill-Ispettur tad-distrett Daniel Zammit u talbu jinvestiga l-kaz.

**Fis-17 ta’ Marzu, 2005 , mis-6 pm sat-8.33pm kellu ruxxmata telefonati b’ numru *unidentified*, fejn, wara li hu jghid : *“Hello.”* Min kien qed icempel ma jirrispondix. Fit-18 ta’ Marzu, 2005, cemplulu fil-2.04pm, 5.24pm u 7.30pm u l-istess ma jitkellimx. Fil-21 ta’ Marzu, 2005 kellu l-istess tip ta’ telefonati fl-10.10am, 10.11am., 10.12am u 10.19am. Fit-22 ta’ Marzu, bdew fl-10.10am u rega’ cempel fis-2.33pm. u 2.45pm. u il-lehen staqsieh jekk hu kienx is-supratendent tal-pulizija u x-xhud wiegbu : *“Jien mhinix Supratendent tal-Pulizija.”* Il-lehen qallu *: “Inti taf fejn hija t-tfajla tieghi..ghax l-avukat qalli li inti taf fejn hija t-tfajla tieghi.”***

Sadattant l-Ispettur kien lahaq baghat ghall-appellant Consiglio Baldacchino w minn dak in-nhar ‘l hawn hu ma receva ebda telefonata ohra ta’ din ix-xorta, hlief wahda wara l-akkuza u cioe’ fit-18 t’ April, 2005.

**Fil-kontro-ezami Dr. Scerri qal li minkejja li kien ghadda certu zmien bejn meta hu kien sema’ l-lehen l-ewwel darba meta l-pazjenta kienet ghaddietlu t-telephone ha jisma w l-okkazzjonijiet sussegwenti, lehnu kien gharfu ghax hu tipiku w serju w jekk tisimghu darba , tibqa’ tiftakru. Hu kien gharfu ghal**

**darba, tnejn, tlieta. Hu, kemm ilu tabib gieli rceva telefonati b' numru *unidentified* imma mhux anonimi.**

DENISE FORMOSA GRUPPETTA , **Request co-ordinator mal-legal office tal-Vodafone, xehdet li mid-dokumenti esebiti kien jidher li l-mobile phone in kwistjoni kien registrat fuq isem l-appellant li hu pre-paid *subscriber* u huwa *"active*" . Id-dokumentazzjoni turi t-telefonati minn meta l-appellant kien irregistra maghhom .**

L-APPELLANT , **minn jeddu, xehed li kull ma kien jaghmel hu kien li jcempel u lil Dr. Scerri kien jghidlu affarijiet normali li kien jghid lil haddiehor . Qatt ma qatghalu. Peress li r-Russa kellha tlitt *note books* bin-numri tat-telephones u ma kienetx tikteb l-isem, hu kien ikkupjahomlha u , meta kienet telqet minn mieghu wara hames xhur mieghu, kien icempel lil persuna u kien jghidlu : *"Isma din Ludmilla Zozina qeghdha tghix mieghek ghax Ghandi t-telephone taghha u kienet tghix mieghi w serqitni w harbet."* Il-persuna l-ohra tghidlu : *"Le.*" U hu jghidlu : *"Sorry . Ok. Thank you."* Hu qatt ma kellem lil Dr. Scerri hazin. Hu lanqas kien ikun jaf lil min qed icempel ghax ma kienx ikun hemm isem man-numri. Kull meta hu kien icempel persuna biex jistaqsi ghal Ludmilla Zozina, hu dejjem kien tkellem bl-edukazzjoni w staqsa ghaliha. Mistoqsi mill-Qorti : "Jista' jkun li xi drabi cempilt u forsi deherlek li ma qbadtx u ergajt cempilt u rega' deherlek li ma qbadtx u ergajt cempilt u rega' deherlek li ma qbadtx , erba darbiet in fila?" l-appellant wiegeb : *""kull meta cempilt persuna Sur Imhallef dejjem nghid "Hello" . Jghidli "Hello" dak li jkun."* Qatt ma kien il-kaz li minghalih li ma jkunx qabad u jerga' jcempel. Mistoqsi mill-Qorti u mill-prosekuzzjoni li f' jum partikolari tal-20 ta' Marzu, 2005, hu kien cempel lil Dr. Scerri fil-1.55pm, 2.04pm, 5.24pm.u 7.30pm u fl-21 ta' Marzu, 2005, fil-10.10am, 10.11am, 10.12am u 10.10am, hu wiegeb : "*Jiena ma kontx incempel lil Dr. Mario Scerri personali. L-ewwel haga jiena lanqas kont naf lil min qed incempel ghax hi kienet tikteb in-numri w ma kienetx tikteb l-***

***isem….Bhal ma kont incempel lil Mario Scerri kont incempel lil nies li kelli fuq dak il-ktieb kollha…..u nsaqsaihom ghal Ludmilla Zozina jekk jafux fejn qeghdha”* . Hu kien iffissa xi naqra f’ dir-Russa ghax kienet ghamlet tmin xhur tghix mieghu, darba xaharejn, darba xahar u darba hames xhur. Kienet harbet minn mieghu w serqitu w haditlu l-flus.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi mill-ezami dettaljat tar-records tal-calls maghmula mill-mobile phone numru 99836262 tal-appellant esebiti mir-rapprezentant tal-Vodafone (fols. 13 sa 32 tal-process), jirrizulta li saru telefonati indirizzati lin-numru tal-mobile phone ta’ Dr. Mario Scerri numru 00356 7949 2081 mill-inqas tnejn u tletin (32) darba w cioe’ darbtejn fit-3 ta’ Marzu, 2004, wahda fis-1.26 pm li damet 40 sekonda w wahda fis-1.32pm li damet tlitt sekondi; hames darbiet kwazi sena wara u precizament fil-15 ta’ Marzu, 2005 fil-8.13am, 9.09am., 11.09am, 11.10am u 19.34pm; tlieta minn dawn damu tlitt sekondi, wahda sekonda u wahda xejn; darba fis-16 ta’ Marzu, 2005, fid-21.38 pm li hadet zewg sekondi. Fis-17 ta’ Marzu, 2005 umbaghad saru hdax il-telefonata, fis-17.40, 17.43, 17.44, 17.47, 17.56, 18.17, 19.36, 19.39, 20.18, 20.23, 09, 20.23.43 u 20.33. Tnejn minn dawn kienu ta’ zewg sekondi, wahda ta’ tlitt sekondi, wahda ta’ 58 sekonds, wahda ta’ erba sekondi, wahda ta’ minuta w 46 sekonda u sitta ta’ ebda hin. L-ghada 18 ta’ Marzu, 2005, regghu saru erba telefonati ohra fil-5.25 am, 13.34.26pm, 13.34.36pm u 13.36.47pm Dawn kienu jvarjaw minn tul ta’ dsatax il-sekonda , hames sekondi sa xejn sekondi. Fl-20 ta’ Marzu, 2004 kien hemm erba telefonati ohra li hadu hames sekondi, erba sekondi, 16 il-sekonda u sitt sekondi u saru rispettivament fit-13.55pm, 14.04pm , 17.24pm u 19.29pm. Fit-22 ta’ Marzu, 2005 regghu saru erba telefonati ohra fl-10.04am, 14.34pm, 14.36pm u 14.41pm u dawn hadu rispettivament tlitt sekondi, hmistax il-sekonda, xejn hin u minuta .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi minn dawn il-provi skjaccanti johrog car u bla ebda dubju dettat mir-raguni li l-appellant kien qed icempel regolarment u ripetutament lil Dr. Mario Scerri u jew jaqta' mill-ewwel jew jaqta' wara interval ta' ftit sekondi, x' aktarx wara li Dr. Scerri ikun irrispondieh bla ma jkun hemm hin ghal xi diskors jew diskors utili u bis-sens. Il-fatt li l-appellant – kieku stess jitwemmen li ma kienx jaf lil min kien qed icempel – ghamel dan fil-fehma ta' din il-Qorti jikkostitwixxi uzi hazin mill-impjant u s-sistema telefonika ghax li wiehed jircevi telfonati ripetuti bla ma jkun jaf minn min dawn ikunu gejjin u xi skop ikunu qed isiru bih, hu ta' prejokuppazzjoni, stessanti w certament mill-aktar vessatorju. Anki jekk l-appellant kien iffissa li jrid jirrintraccja lil habibtu li telqitu kif stqarr li kien il-kaz ghad-domanda tal-Qorti, dan ma jiskuzahx jew jiggustifikah li jaqbad icempel bl-addocc 'l hawn u 'l hinn, ghand persuni li ma jafx min huma u – meta jaghzel li jitkellem – jistaqsi ghal tfajla Russa, ghax b' daqshekk biss seta' ukoll johloq certu dizgwid jew suspetti f' mohh membri ta' familji li jirecvu telefonati simili. Ghalhekk, taht kull aspett , ic-cempil persistenti w repetut kulltant fl-interval ta' ftit sekondi kien johloq *stress* fuq min jircevi telefonati simili, bhal dawk li kien qed jircevi Dr. Scerri. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni li tiddeciedi li l-ewwel imputazzjoni, li hu uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet ghal xi ghan li ma kienx ghalih provvdut tirrizulta abbondantement pruvata.**

**Illi l-appellant gja gie liberat mit-tieni imputazzjoni u l-fatt tal-annullament tas-sentenza dwar l-ewwel imputazzjoni m'ghandux jippregudika lill-appellant dwar imputazzjoni fejn hu kien gie liberat mill-Ewwel Qorti ghar-ragunijiet fuq esposti.**

**Illi dwar it-tielet imputazzjoni, din jidher li tirriferi ghal-incident li skond Dr. Mario Scerri gara fit-3 ta' Marzu,** 2005**, kif johrog mis-sens tad-depozizzjoni tieghu u kif anki jidher miz-zmien imsemmi fl-akkuza u cioe' "nhar**

**it-22 ta' Marzu, 2005 u fid-diversi gimghat ta' qabel…." F' dik id-data Dr. Scerri jallega li wara li kien irceva telefonata mill-istess persuna w wara li gie skambjat xi diskors dwar ir-Russa Ludmilla Zozina w wara li Dr. Scerri allegatament qal lil min kien qed icempillu "*Din mhux bicca tieghek*." u qatghalu, xi tlitt minuti wara l-istess persuna regghet cemplitlu u qaltlu : *"Mur hudu f' ….kemm ghandek."* L-appellant jichad li qatt qal xi diskors simili lil Dr. Scerri. Illi mil-listi ta' telefonati esebiti mis-*service provider* ma jirrizultax li saru xi telefonati kwalsiasi mill-mobile in kwistjoni tal-appellant fit-3 ta' Marzu**, 2005 **(ara fol.23). Hemm pero' zewg entries bid-data tat-3 ta' Marzu (suppost 2005) li bil-fors jirriferu ghas-sena 2004 u mhux 2005 a fol.15 u 16 , imma dawn l-entries kollha li hemm bejn fol. 14 sa nofs fol.23 jidhru li ghandhom id-data zbaljata 2005 meta din evidentement kellha tkun 2004. Dawn l-entries jirriferu ghall-periodu kollu bejn il-bidu ta' Jannar sat-3 ta' Dicembru u jinkludu disa' xhur (suppost ta' din is-sena 2005) li ma kienux ghadhom ghaddew meta bdew il-proceduri. Ghalhekk ovvjament dawn l-entries jirriferu kollha ghas-sena 2004 u bi zball gew indikati bhala li graw fis-sena 2005. Din l-ispjegazzjoni li qed tislet din il-Qorti hija konfortata minn dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu lil Pulizija u cioe' li hu kien tilef it-telecel xi zmien qabel il-Milied u wara kien rega' xtara iehor u beda juza din il-linja 9983 6262. Di fatti l-*calls* minn fuq din il-linja jieqfu hesrem fit-3 ta' Dicembru u jergghu jibdew biss fit-13 ta' Marzu, 2005. Konsegwentement il-versjoni ta' Dr. Scerri kontradetta mill-appellant ma ssibx korroborazzjoni fil-listi ta' *calls* esebiti.**

**Jekk umbaghad din it-tielet imputazzjoni (kuntrarjament ghal dak li jiftiehem mic-citazzjoni nnifisha) tirriferi ghall-incident li gara fit-3 ta' Marzu,** 2004 **u mhux 2005 kif jidher erronjament fid-dati kollha indikati fl-ewwel kolonna fuq ix-xellug fil-folios 14 sa 23 tal-process, ghalkemm l-appellant jichad li qatt ingurja lil Dr. Scerri, fit-3 ta' Marzu, 2004, jirrizulta li dak in-nhar l-ewwel kien hemm telefonata li hadet erbghin sekonda w li bdiet fit-13.26.30 li fiha seta' sar**

**l-iskambju ta' diskors bejn Dr. Scerri u l-appellant imsemmi minn Dr. Scerri w umbaghad din giet segwita minn telefonata ohra fit-13.31.59 ta' tlitt sekondi li fiha hu ukoll jista' jkun li seta' intqal biss il-kliem allegat minn Dr. Scerri : "*Mur hudu f' …kemm ghandek*." u xejn aktar. Pero' ghalkemm il-versjoni ta' Dr. Scerri li sar dan id-diskors dak in-nhar tista' tkun korroborata mill-hinijiet indikati (sija pure bid-data tas-sena hazina 2005 minnflok 2004) fid-dokumenti esebiti mill-Vodafone, u anki jekk il-versjoni ta' Dr. Scerri talvolta hekk korroborata kellha titqies aktar attendibbli mic-cahda tal-appellant li qatt kien uza kliem ingurjuz fil-konfront ta' xi hadd, dan hu reat ta' natura kontravvenzjonali li normalment hu preskrivibbli bl-eghluq ta' tlitt xhur skond l-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali. U peress li skond l-artikolu 692 iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-**delitti biss **ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf, jidher li din l-imputazzjoni tkun ghalhekk preskritta billi jkunu ghaddew aktar minn tlitt xhur mill-kommissjoni taghha fit-3 ta' Marzu, 2004 u meta bdew il-proceduri odjerni fl-24 ta' Marzu, 2005. Il-Preskrizzjoni hija applikata mill-Qorti *ex officio* skond l-artikolu 694.**

**Ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara li din it-tielet imputazzjoni ma tirrizultax minnhabba konflitt fil-provi u fi kwalunkwe kaz tkun preskritta, kieku kienet tirriferi ghat-3 ta' Marzu tas-sena 2004.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell kif gej. F' l-ewwel lok tannulla s-sentenza appellata fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni minnhabba li fis-sentenza appellata ma giex citat l-artikolu korrett tal-ligi li tahtu nstabet htija fuq l-ewwel imputazzjoni, u wara li regghet semghet il-provi mill-gdid, tiddeciedi dwar dawn iz-zewg imputazzjonijiet mill-gdid billi ssib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w mhux hati tat-tielet imputazzjoni. Konsegwentement, wara li rat l-artikolu 39 (1) (d) tal-Kap.399 tal-ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellant ghall-multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500), li jekk ma tithallasx minnufieh tigi**

**awtomatikament konvertita f' terminu ta' prigunerija ta' mitt jum, skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------